

# Il-Mellieħa

Mario Fenech



Il-Lokalità tal-Mellieħa hija waħda arjuża fil-għoli mdawwra b'veduti sbieħ tal-kampanja u tal-bahar kaħlani li minn dejjem kien ta' attrazjoni kemm għat-turisti kif ukoll għal ħafna Maltin li jqattgħu ix-xhur tas-Sajf fil-Mellieħa. L-arma tal-lokalità hija magħmulha minn tarka kaħlanija, b'kamp tad-deheb u stilla tal-fidda. Il-Motto huwa ***EX SALE ET MELLE NOMEN MEUM,*** li tfisser ***MILL-MELĦ U MILL-GĦASEL ISMI.***

Is-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa imur lura lejn l-ewwel snin tal-Kristjaneżmu f'Malta. Għall-ewwel dan kien għar biss u kien ġie kkonsagrat minn numru ta' Isqfijiet li ġew f'Malta mill-Afrika fi triqithom lejn Melivetano għall-Konċilju fis-sena 402 wara Kristu. Hemm teoriji oħrajn, fosthom dik li dan is-Santwarju kien ġie ikkonsagrat fis-sena 1090 minn Isqfijiet, li kienu ġew Malta mal-Konti Ruġġieru li kien ġie Malta biex jeħles lill-poplu mis-Seraċini. Meta fl-1436 l-Isqof de Mello waqqaf Għaxar Parroċċi madwar Malta, din il-Knisja tal-Mellieħa kienet waħda minnhom. Minħabba l-attakki feroċi li spiss kienu jagħmlu l-furbani fl-inħawi n-nies ma baqgħux jgħixu f'inħawi u għalhekk il-Parroċċa ma baqgħetx wieqfa u ngħaqdet mal-Matriċi tan-Naxxar. Fl-1834 l-Isqof Caruana waqqaf is-Santwarju Viċi-Parroċċa u l-istess Isqof waqqaf il-Knisja tal-Mellieħa mill-ġdid Parroċċa. Dan is-Santwarju maż-żmien ġie mkabbar u fil-bitħa spazjuża ta' quddiem il-bieb tal-ġenb tiegħu ġew mibnija kmamar żgħar biex il-Pellegrini li spiss kienu jiġu jżuru s-Santwarju, kienu jieqfu għal ftit tal-ħin ta' mistrieħ qabel jibdew triqathom lejn djarhom. Mal-ħitan ta' dawn il-kmamar hemm talba lill-Madonna tal-Mellieħa bi tmien lingwi differenti.

F'niċċa mal-ħajt tas-Santwarju insibu statwa kbira tal-ġebel ta' San Pawl, u f'niċċa oħra taħt waħda mill-loġoġ tal-bitħa hemm statwa tal-Madonna tal-Karmnu li ġiet mogħtija mill-Każin tal-banda La Vittoria nhar id-19 ta'Mejju 1991 fl-okkażjoni tal-Ewwel Anniversarju taż-żjara li kien għamel il-Papa Ġwanni Pawlu II fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa. Tbierket mill-Kappillan Rev Dun Alfred Camilleri. Din il-bitħa għandha veduti sbieħ tal-bajja tal-Mellieħa u l-madwar. Fuq il-bieb ta' din il-bitħa tas-Santwarju hemm kitba bil-Latin u bil-Malti li tgħid: **FIK ITTAMAW MISSIRIJIETNA ITTAMAW U INTI ĦLISTHOM** Data 1719. Kif tinżel mit-taraġ ta' ħdejn is-Santwarju issib grada b'taraġ warajha bid-data 1736. Isfel minn dan it-taraġ hemm il-Madonna tal-Għar. F'dan l-għar hemm statwa tal-ġebel tal-Madonna

b'nixxiegħa tal-ilma ġieri madwarha. Il-misraħ ta' quddiem din il-bitħa ġie msemmi għaż-żjara li kien għamel il-Papa Ġwanni Pawlu II fil-Mellieħa nhar is-26 ta' Mejju 1990.

Il-Knisja Parrokkjali ta' Marija Bambina bdiet tinbena nhar il-5 ta' Ottubru 1883 u tlestiet 14-il sena wara u tbierket mill-Isqof Mons. Pietru Pace nhar il-5 ta' Settembru 1897. Il-Knisja ġiet ikkonsagratha mill-Isqof Don Mauro Caruana nhar it-18 ta' Frar 1930. Fil-pjazza ta' quddiem il-Knisja insibu l-każini tal-Banda *La Vittoria* u *Imperial* tal-Mellieħa. Fil-belvedere ta' ħdejn il-Knisja Parrokkjali hemm il-monument tal-Perit Carm Lino Spiteri, Politiku u eks President tal-Każin tal-banda La Vittoria tal-Mellieħa. Fi triq il-Parroċċa tinsab is-Sede li għadha qed tinbena tal-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina u fi Triq San Publiju hemm l-Art Club 2000. Fejn l-Iskola tal-Mellieħa hemm diversi wesgħat fejn wieħed ikun jista jgawdi l-veduti sbieħ li jdawru din il-lokalità. Fit-triq li mix-Xemxija twasslek lejn il-Mellieħa man-naħa tax-xellug tat-triq jinsab il-bieb tal-Mistra jew aħjar il-*Monte della Redenzione Delle Schiavi.* F'dan il-bini kienet issir il-fidwa tal-ilsiera permezz ta' fondazzjoni li kien waqqaf il-Gran Mastru Pinto. Fuq il-faċċata ta' dan il-bini hemm l-arma tal-Gran Mastru Manoel Pinto u l-ittra Erre tal-Monte Della Redenzione.



Il-Kastell ta' Selmun ġie mibni mill-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann biex jintuża għall-villeġġjatura lejn is-sena 1783. Kellu miegħu kappella żgħira li tissemma fil-kitba tal-istoriku Achille Ferris tas-sena 1866. Ftit l-isfel mill-Kastell hemm il-Kappella tal-Madonna tal-Ħniena. Il-Kwadru titulari ta' din il-Knisja huwa xogħol tal-Artist Anoine Favray, li qabel kien fil-Kappella tal-Kastell. Din il-Kappella tal-Kastell kienet ġiet imbattla minn dak kollu li kien hemm fiha fl-1979 meta l-Kastell inbidel f'lukanda.

Kastell ieħor huwa dak magħruf bħala t-Torri l-Aħmar jew il-forti ta' Sant'Agatha. Dan it-torri għamel żmien f'idejn il-Forzi Armati ta' Malta, f'idejn il-Privat u fil-preżent qiegħed jiġi ndukrat mill-Għaqda Din l-Art Ħelwa bħala attrazzjoni turistika. Minn ħdejn dan it-torri wieħed jista' jara veduta mill-isbaħ tal-bajja tal-Għadira, l-inħawi tal-Aħrax u Santa Maria Estate. Tidher ukoll ir-riserva naturali tal-Għadira. Veduti oħrajn jistgħu jitgawdew minn fuq tarf l-Irdum li tasal għalih minn triq li tinsab ħdejn it-Torri l-Aħmar. Mit-triq il-ġdida fl-inħawi magħrufa bħala Ta' Pennellu wieħed jista jara *Anchor Bay* fejn hemm ukoll *Popeye Village*, u rkejjen oħra li minnhom tkun tista' toqgħod ftit għall-kwiet, tgawdi n-natura sabieħa li ssebbaħ din il-lokalità. Fil-parti ta' fuq tar-raħal wieħed isib il-każin u l-ground tal-football tat-team tal-Mellieħa, l-Iskola Primarja li tifforma parti mill-Kulleġġ Marija Reġina, l-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa, id-dar tal-Anzjani Dar il-Madonna tal-Mellieħa, Ġnien il-Qigħan li nfetaħ nhar l-1 t'April 1979.

Dan kollu u ħafna aktar jagħmel il-lokalità tal-Mellieħa waħda pittoreska, mfittxija minn bosta Maltin u Turisti biex filgħodu jgawdu l-baħar u l-veduti sbieħ tal-madwar, u filgħaxija għall-istabbilimenti tal-ikel u tad-divertiment li hemm fil-lokalità. Mhux ta' b'xejn li dan l-aħħar il-Mellieħa ġiet mogħtija it-titlu ta' *Destintion of Excellence* mill-Unjoni Ewropea.

Din il-kitba hija wieħed mill-*features* li kienu ġew imtellgħa mill-awtur għall-programm televiżiv Forċina 2010 li kien ġie mxandar mill-Festa ta' Maria Bambina tal-Mellieħa.

